GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **12 ta' Ġunju 2023** **Ref: DDLTS 15/2023**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Dr. Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **Komik għall-istudenti tal-Computing u Vocational IT**

---

L-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) ippubblikat Komik (The Maltaverians Comics Project) bi storja innovattiva li tindirizza suġġetti relatati mat-teknoloġija, u se jitqassam fost studenti li għażlu Computer Studies jew Vocational IT fl-iskejjel sekondarji. Il-komik jista' jiġi aċċessat ukoll b'mod diġitali mis-sit https://www.mdia.gov.mt/news-events/issue-1-the-maltaverians-comic-an-amazing-bit-of-data/

Dan il-proġett ta' pubblikazzjoni ta' sensiela ta' komiks iffukati fuq it-teknoloġija ta' innovazzjoni diġitali għandu l-għan li:

1. Jisħaq dwar l-importanza li jiġi estiż l-għarfien taż-żagħżagħ f'dan il-qasam li kull ma jmur dejjem qiegħed jikber.
2. itejjeb il-fehim tagħhom tal-aħħar teknoloġiji u potenzjalment jiggwidawhom lejn il-karrieri futuri tagħhom.

Permezz ta taħlita ta' stejjer u illustrazzjonijiet, il-komiks se jqanqlu l-interess tal-qarrejja żgħażagħ u jkabbru fihom l-għarfien dwar teknoloġiji innovattivi li qed isawru d-dinja tagħna. Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' glossarju fi ħdan il-pubblikazzjonijiet se tkompli tgħin fil-ftehim tat-termini u l-kunċetti teknoloġiċi, u b'hekk il-materjal isir aktar aċċessibbli u informattiv.

Il-Kapijiet tal-Iskejjel huma mitluba li jqassmu dawn il-komiks lill-istudenti meta dawn jaslu fl-iskejjel.

**Is-Sur Neil Attard**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**